MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 81/2001/1

**Joseph Mary DEBONO**

**vs**

**Alfred DEGIORGIO, Mario Cutajar u Emanuel Formosa**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 ta’ Jannar, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-imħarrkin, jew min minnhom, jitqiesu responsabbli għas-serq, ħruq u ħsara li huma wettqu fuq il-karozza tiegħu tal-għamla *Ford Escort*, reġistrata FAE-505, u li jiġu kundannati jikkumpensawh is-somma ta’ Lm 3300 bħala danni li huwa ġarrab minħabba f’hekk;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek Alfred Degiorgio fis-26 ta’ Frar, 2001, li biha laqa’ għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet tal-attur m’humiex mistħoqqa, u żied jgħid li, jekk

kemm-il darba huwa minnu li l-karozza tal-attur kienet assikurata, l-attur m'għandux interess iressaq il-kawża hu;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek Emanuel Formosa fit-8 ta' Marzu, 2001, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet tal-attur m'humiex mistħoqqa għaliex hu lanqas biss ħa sehem fis-serq, ħruq u l-qerda tal-karozza tal-attur. Minbarra dan, qal li l-attur m'għandux interess li jressaq il-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2001, li bih ħalliet il-kawża *sine die* minħabba li baqgħet ma saritx in-notifika tal-imħarrek Cutajar;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Ottubru, 2001, li bih u fuq talba tal-attur, reġgħet qegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek Mario Cutajar fil-5 ta' Novembru, 2001, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet attriċi ma kinux mistħoqqa u dan billi huwa ma kien bl-ebda mod responsabbli għall-ħsara kawżata fil-karozza tal-attur;

Rat ix-xhieda mogħtija mill-partijiet u mix-xhud tagħhom quddiem il-Qorti;

Rat il-provi dokumentali mressqa mill-attur;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tas-26 ta' April, 2005 u tas-27 ta' Ottubru, 2005, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' danni minħabba ħsara mwettqa f'serqa ta' karozza. L-attur kien is-sid ta' vann li huwa jgħid li nsteraqlu mill-imħarrkin jew min minnhom. Huwa qiegħed jitlob il-kumpens għad-danni li ġarrab minħabba li, fis-serqa, l-karozza nqerdet wara li ngħatat in-nar;

Illi l-imħarrkin, għal raġuni jew oħra, jiċħdu li huma jaħtu għal dak li ġralu l-attur. Minbarra dan, tnejn minnhom jgħidu wkoll li l-attu ma kellux l-interess li jressaq il-kawża għaliex, jek kemm-il darba l-karozza kienet assikurata, seta' jitlob kumpens mingħand il-kumpannija li assikuratlu l-karozza;

Illi, mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jiriżulta li l-attur kien sid ta' vann tal-għamla *Ford Escort* reġistrat FAE-505 li l-attur kien xtrah użat (*second hand*) u bin-nifs f'Lulju tal-1996 mingħand *dealer* f'Ħal Qormi għall-prezz ta' tlitt elef erba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm 3,450)[1]. Il-prezz tħallas kollu sa Novembru tal-1998[2];

Illi l-vann kien assikurat għar-riskji tal-ħsarat imġarrbin minn terzi persuni: ma kienx assikurat kontra ħruq u serq[3]. F'Ġunju tal-2000, il-vann kien sarlu l-VRT[4]. Kien ilu f'idejn l-attur xi erba' (4) snin qabel insteraqlu, iżda l-vann kien inħareġ l-ewwel darba fuq it-triq fl-1993[5]. Il-vann insterqet minn quddiem il-post tal-villeġġatura li l-attur kellu f'Buġibba f'Awissu tal-2000 u dak li fadal minnha nstab f'Ottubru tal-istess sena f'Wied fil-limiti ta' Ħal Qormi, wara li l-vann kien ingħata n-nar. L-attur għamel rapport fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra fit-2 t'Awissu, 2000[6]. Inbdew proċeduri kriminali kontra l-imħarrkin. Il-kawża nfetħet f'Jannar tal-2001, waqt li l-imsemmija proċeduri kienu għadhom għaddejjin;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jolqtu l-każ jibda biex jingħad li l-Qorti għandha

[1] Dok "B", f'paġ. 42 tal-proċess
[2] Dok "D", f'paġ. 44 tal-proċess
[3] Xhieda ta' Ray Buġeja 26.4.2002, f'paġ. 50 tal-proċess
[4] Dok "E", f'paġ. 45 tal-proċess
[5] Dok "A", f'paġ. 41 tal-proċess
[6] Xhieda tal-attur 15.2.2002, f'paġ. 37 tal-proċess

quddiemha żewġ aspetti ewlenin ta' dritt li jeħtieġ jissemmew. L-ewwel wieħed huwa dak li jolqot l-interess tal-attur li jiftaħ il-kawża. It-tieni huwa dak tal-provi tal-fatti allegati;

Illi **dwar l-ewwel aspett**, diġa' ssemma li tnejn mill-imħarrkin – Alfred Degiorgio u Emanuel Formosa – qanqlu l-kwestjoni dwar jekk l-attur kellux **l-interess ġuridiku** li jmexxi 'l quddiem il-kawża. Din l-eċċezzjoni għamluha fuq il-bażi li l-attur messu ressaq talba għall-kumpens lill-kumpannija assikuratriċi tiegħu, minflok ħarrek lilhom. Din l-eċċezzjoni hija waħda fiergħa għal kollox;

Illi, intwera li l-attur kien is-sid tal-vann u li dan il-vann insteraqlu mingħajr ir-rieda tiegħu. Intwera li l-vann kien assikurat biss b'mod li l-polza kienet tagħmel tajjeb biss għall-ħsara li jġarrbu terzi persuni. Ma kienx kopert b'polza li tagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba serq u lanqas minħabba ħruq. Għalhekk, safejn l-eċċezzjoni kienet tippreżumi li l-polza ta' kariku kienet, waħedha, tagħmel tajjeb għad-dannu mġarrab mill-attur, il-prova li ħarġet dwar dan il-fatt ixxejjen għal kollox dik il-preżunzjoni. L-imħarrkin baqgħu ma irrinunzjawx għall-eċċezzjoni, minkejja li nħarġet dik il-prova, li huma lanqas għamlu l-iċken sforz biex imeruha. Din l-imġiba għandha tirrifletti ruħha fil-kap tal-ispejjeż;

Illi, iżda, wkoll kieku l-polza kienet tkopri l-eventwalita' tas-serq u/jew tal-ħruq tal-vann (u l-kumpannija assikurata kienet tkun surrogata fil-jeddijiet tas-sid tal-vann), dan ma kienx ifisser li l-attur kien ikun nieqes għal kollox mill-interess li jiftaħ il-kawża. Dan jingħad għaliex, bħalma jiġri normalment f'kull polza ta' assikurazzjoni, parti mill-ammont ta' ħsara mġarrba mill-assikurat ma tkunx koperta fis-somma ta' kumpens li titħallas mill-assikuratur (l-hekk imsejjaħ "*excess*"). Minbarra dan, l-attur u hu biss seta' kien il-leġittimu kontradittur tal-pretensjoni attriċi li tgħid li kienu l-imħarrkiin li wettqu għamil li jammonta għal delitt fil-konfront tiegħu u ta' ħwejġu;

Għalhekk, il-Qorti qegħda twarrab l-imsemmija eċċezzjoni;

Illi **it-tieni aspett** jirrigwarda r-regola ġenerali li għandha tmexxi kull kawża fil-kamp tal-proċedura ċivili. Dan l-aspett huwa mħares mir-regola li min jallega fatt irid jippruvah kif imiss[7], u li jagħmel dan bl-aħjar prova li dik il-parti tista' ġġib[8]. Dak il-piż jitneħħa biss f'xi eċċezzjonijiet, u, sakemm ma tapplikax xi eċċezzjoni bħal dik, ikun jorbot lill-parti li tressaq provi mhux biss dwar xi wħud mill-aspetti tal-każ, imma dwar dawk l-aspetti kollha li jeħtieġu li jkunu ippruvati u li l-liġi ma tgħidx li jikkostitwixxu prova fihom infushom. Il-piż tal-prova fil-qasam tal-proċediment ċivili huwa wieħed fuq grad tal-probabilta'[9], u huwa determinat sewwa mill-għamla ta' azzjoni li titressaq. L-għażla tal-azzjoni hija mħollija f'min jibdiha. Iżda, kif tgħallem il-massima proċedurali, *actor non probante absolvitur reus*[10];

Illi, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, dan il-grad ta' prova ma jirriżultax. L-azzjoni li l-attur beda tissejjes fuq żewġ pilastri. L-ewwel waħda tirrigwarda l-proprjeta' tal-vann u t-teħid tiegħu kontra r-rieda tal-attur. It-tieni wieħed tirrigwarda s-sehem tal-imħarrkin f'dak li seħħ. Ma' din it-tieni fergħa, wieħed iżid imbagħad ir-rabta tas-sehem tal-imħarrkin mal-ħsara li l-attur jgħid li ġrat lill-vann. Il-provi li ressaq l-attur kienu kollha marbutin mal-ewwel parti tal-azzjoni tiegħu. B'żieda ma' dan, għal żmien twil, baqa' ma ressaq l-ebda prova li torbot lill-imħarrkin mal-fatt. Kellu joħroġ mill-eċċezzjonijiet li l-Qorti ssir taf li, kontra l-imħarrkin, kienu nbdew proċeduri kriminali marbutin mal-każ. Imma dan bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala prova tar-rabta tagħhom mal-azzjoni attriċi. Dan jingħad l-ewwel nett minħabba dak li tiddisponi l-liġi espressament[11], u fit-tieni lok għaliex kien jaqa' fuq l-attur l-obbligu li juri mqar li t-tliet imħarrkin kienu b'xi mod marbuta mal-ġrajja li wasslet għal dak li seħħ;

Illi, minħabba li l-attur naqas għal kollox li jagħmel din il-prova kruċjali, wieħed ma setax jgħaddi biex japplika d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jirrigwardaw is-sehem ta' aktar

[7] Art. 562 tal-Kap 12
[8] Art. 559 tal-Kap 12
[9] P.A. RCP **25.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Stella Borġ vs Joseph Cassar et***
[10] App. Inf. **12.1.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Hans Joachim Link et. vs Raymond Merċieca***
[11] Artt. 6 tal-Kap 9 u 2(2) tal-Kap 12

minn persuna waħda fit-twettiq ta' ħsara doluża fil-ġid tal-parti attriċi[12]. Kien obbligu tal-attur li, l-ewwel u qabel kollox, juri x'inhi r-rabta tal-imħarrkin mas-serqa tal-vann tiegħu. Din ir-rabta ma toħroġx mill-atti tal-kawża. L-attur ingħata kull opportunita' u biżżejjed żmien biex jagħmel dan, iżda ma nqediex bihom. Dan li għadu kif ingħad joħroġ b'aktar qawwa fl-azzjoni li l-Qorti issa għandha quddiemha, jiġifieri azzjoni mibnija fuq is-sisien tal-azzjoni għad-danni. F'kawża bħal din, mhux biżżejjed li l-parti attriċi turi li ġarrbet ħsara b'għamil ħaddieħor. Jeħtiġilha l-ewwel nett tidentifika min kien dak il-ħaddieħor, u, minbarra f'hekk, turi li dak l-għamil ta' ħaddieħor kien marbut sfiq mal-ħsara mġarrba minnha[13];

Illi, għalhekk, ma kienx kompitu tal-imħarrkin li huma jippruvaw l-innoċenza tagħhom jew li jressqu huma l-provi li ma kellhomx x'jaqsmu mal-każ, u dan ukoll fuq is-saħħa ta' massima legali oħra li *onus incumbit ei qui dixit non ei qui negat*. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħraf ukoll li jista' jkun hemm każijiet fejn il-prova meħtieġa fi proċediment ċivili titwettaq minn parti oħra li mhix il-parti attriċi, jew inkella tkun tirriżulta minn atti oħra tal-kawża[14] li ma tkunx ressqet il-parti attriċi. Din hi ħaġa li taqa' wkoll fil-parametri tal-liġi dwar il-piż u l-grad tal-prova. Iżda dan ma seħħ bl-ebda mod fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi ma tressqux provi tajbin biżżejjed biex il-Qorti tista' tilqagħhom; u

**Tordna** li, għar-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq, **kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha tal-kawża.**

**Moqrija**

[12] Artt. 1049 u 1050 tal-Kap 16

[13] App. Inf. **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Enrico Camilleri vs Martin Borġ***

[14] App. Inf. **12.11.2003** fil-kawż a fl-ismijiet ***Mario Mifsud vs Carmelo Mifsud***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------